

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Jannar 2011

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'konsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti

(2011/250/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(4) Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim għandu jiġi ffirmat fisem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Artikolu 1

Billi:

L-iffirmar tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'konsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti, b'dan huwa approvat fisem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll⁽²⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu, u li jagħmel din id-dikjarazzjoni:

(1) Fid-9 ta' Ġunju 2010 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati mar-Repubblika tal-Uzbekistan biex jiġi emendat il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), sabiex jiġi żgurati li l-prinċipji li japplikaw għall-kummerċ f'oġġetti oħra jiġu estiżi formalment ukoll għall-kummerċ tal-prodotti tat-tessuti. Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll li jemenda l-Ftehim billi ħassar l-Artikolu 16, u r-referenzi kollha għalih, ġie inizjalat fl-1 ta' Lulju 2010.

(2) Fil-qafas tan-negozjati sar qbil bejn iż-żewġ partijiet biex isir eżerċizzju ta' tindif u titħassar dispożizzjoni teknika li m'għadx għandha użu li skadiet fl-1998 u l-Anness koorisponenti li jirreferi għaliha.

(3) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

"B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea issostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, referenzi għall-'Komunità Ewropea' jew għall-'Komunità' fit-test tal-Ftehim, fejn meħtieġ, għandhom jinqraw bħala referenzi għall-'Unjoni Ewropea'."

⁽¹⁾ ĠU L 229, 31.8.1999, p. 3.

⁽²⁾ It-test tal-Protokoll għandu jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON
